**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Frar, 2016

Rikors Guramentat numru : 8/15 AL

**A B**

**vs**

**C S D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Awissu 1998 skont certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A u l-partijiet ghandhom tlett itfal minuri, T 16, K 11 u M 5;
2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-

zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawza;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skont il-ligi;

Talbet in vista tar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-28 ta’ Awissu 1998 hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett fil-ligi;
2. Tawtorizza lill-esponenti illi jirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici ;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma wiegibx u ghalhekk hu kontumaci f’din il-kawza ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba biex iz-zwieg bejn il-partijiet datat 28 t’Awissu 1998 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi. L-attrici qeghda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament fuq l-artikolu 19(1) d tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Verzjoni attrici**

L-attrici xehedet quddiem il-Qorti *viva voce*[1] u tat riassunt dwar il-hajja mizzewga li kellha mal-konvenut. Hi tghid li bdiet tohrog mal-konvenut ta' eta zghira hafna, ghall-bidu ma xi hbieb izda ma baqghux jitkellmu ghal perjodu ta' sitt xhur, sakemm il-konvenut talabha li jerghu jippruvaw jergghu johorgu flimkien. Hi tghid li qatt ma kienu f'relazzjoni stabbli, ghaliex dejjem jiggieldu u ma kienux jaqblu, tghid ukoll li l-konvenut kien ihobb johrog u jiltaqa' ma shabu. Il-partijiet iddecidew li jwaqqfu r-relazzjoni taghhom izda minn hemm l-attrici indunat li kienet harget tqila. Hi tghid li xorta wahda iddecidew li ma jizzewgux, izda missierha qalilha li huma ghamlu zball u ma kellhiex tbati t-tarbija tort ta' l-zball taghhom u beda jaghmel il-pressjoni biex jizzewgu. Fil-fatt izzewgu u marru joqghodu maz-zija taghha u damu ftit snin hemmhekk. L-attrici ttenni li li kieku ma kenitx tqila zgur ma kenitx se tizzewweg, u li hi hekk xtaqet u dan peress li hi u l-konvenut ma kienux kuntenti flimkien. Wara xi zmien mizzewgin iddecidew li jinfirdu u l-genituri taghha regghu bdew jaghmlu l-pressjoni biex hi tirranga l-affarijiet mal-konvenut u fil-fatt ikkonvincewhom biex jidhlu fil-Moviment tan-Neokatekumenat tal-Hamrun u minn hemmhekk l-affarijiet bdew jirrangaw ftit izda l-konvenut xorta baqa' bil-problema tax-xorb, beda jsir aggressiv u dan peress li kien johrog jixrob iktar minn darba fil-gimgha.

**<u>Verzjoni konvenut</u>**

Il-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza izda huwa xorta wahda ta l-verzjoni tieghu tal-fatti kif graw permezz tax-xiehda tieghu via voce.[2]

Il-konvenut jikkonferma dak kollu li qalet l-attrici u cioe' li huma bdew johorgu flimkien meta kienu zghar u zzewgu ghaliex l-

---

[1] A fol 15 et seq tal-process xhieda datata 3 ta' Dicembru 2015

[2] A fol 19 et seq tal-process, xhieda datata 3 ta' Dicembru 2015

attrici kienet inqabdet tqila minnu, u dan sar minhabba l-pressjonijiet li kellhom mill-genituri taghha. Huwa jikkonferma li l-partijiet kien ikollhom diversi argumenti fil-hajja mizzewga taghhom, u dan peress li skont hu, l-attrici trabbiet imfissda u hu trabba naqra *"iktar rough".* Huwa jikkonferma li l-izvog tieghu kien ix-xorb u ghalkemm inghaqdu fi grupp tat-talb biex jippruvaw isalvaw iz-zwieg taghhom, dan kien kollu ghalxejn u ghalkemm hu kellu l-hazin tieghu jghid li l-attrici kellha l-hazin taghha ghaliex ma kenitx sabet impieg.

**<u>Il-mertu tal-kaz odjern</u>**

Illi jirrizulta li l-partijiet izzewgu nhar it-28 t'Awissu 1998 u dan skont certifikat taz-zwieg ezebit a fol 5 u 6 tal-process.

Illi l-artikolu 19(1)d tal-Kap 255 jghid illi jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewġa, allura dak il-kunsens ikun null;

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew, dwar difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, *"illli sabiex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psikika (mhux necessarjamant anomalija psikologika fis-sens mediku u psikjatriku), l-inkapacita` tista` tkun ukoll kostituzzjonali u cioe` li wiehed ma jistghax jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"*. [3]

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita', izda inkapacita` intelletwali u volitiva, wiehed irid ikun mhux kapaci li jaghraf u jirrifletti u jeddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Biex zwieg ikun validu, *"Il-kunsens irid*

[3] *Isabelle Zarb vs Stephen B* deciza fil-21 ta' Novembru 1995

*ikun tali li permezz tieghu l-parti li tespremih trid tkun konxja tal-obbligi, id-dmirijiet u rresponsabilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga, bhal ma huma l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli"*[4];

Illi l-legislatur, fil-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ddefiniex l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda dawn l-obbligazzjonijiet huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti:

1. L-obbligazzjoni li tirrigwarda l-att taz-zwieg bhala unjoni bejn il-koppja mizzewga, li ghandha bhala l-bazi taghha, il-prokrejazzjoni tal-ulied;
2. L-obbligazzjoni tal-komunita` tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel;
3. Il-*Mutual well-being* li huwa nseparabbli minn ambjent li jwassal ghall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied;
4. L-obbligazzjoni li jigu milqugha u jigu edukati u jitrabbew l-ulied fil-kuntest tal-hajja mizzewga.

Illi l-Qorti ghandha quddiemha x-xiehda ta' l-attrici u anke tal-konvenut li ghalkemm huwa kontumaci xehed f'din il-kawza u ikkonferma l-verzjoni attrici.

Illi mix-xiehda tal-attrici rrizulta li hija zzewget biss sabiex tirregolarizza s-sitwazzjoni taghha, peress li nqabdet tqila waqt li kienet ghadha qeghda tohrog mal-konvenut u qalet ukoll li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb ghax kien ihossu mdejjaq fiz-zwieg. Meta mistqosi minn din il-Qorti, l-konvenut ammetta li kien ihobb jixtrob u li kienu jinqalghu hafna argumenti bejn il-partijiet, imma in generali l-isfog tieghu kien ix-xorb, pero' hu jghid li kemm l-attrici u kemm il-konvenut kellhom il-hazin taghhom. Jidher ukoll li l-problema tax-xorb tal-konvenut kienet

---

[4] *Ali Chahid vs Mary Spite*ri, deciza fil-5 ta' Gunju, 2002

ilha li bdiet tizviluppa, minn qabel ma zzewgu l-partijiet. Madanakollu huwa jikkonferma l-verzjoni attrici li tghid li zzewget lill-konvenut ghax kellha ccedi ghall-pressonijiet ta' missierha meta nqabdet tqila, u l-istess jikkonferma l-konvenut li jghid hu hassu li gie sfurzat biex jizzewweg.

Illi l-partijiet ikkonfermaw li huma zzewwgu minhabba li gew sfurzati li jizzewgu ghaliex meta l-attrici nqbadet tqila, huma ftehmu li jiehdu r-responsabbilita' izda li ma jizzewgux, u dan peress li kienu ghadhom johrogu flimkien, izda mhux b'mod serju peress li kienu jargumentaw hafna u li ma kienux kuntenti flimkien. L-attrici issostni li kellha tizzewweg minhabba li missierha beda jaghmel il-pressjoni biex jizzewgu u anke meta nqalghu il-problemi fiz-zwieg taghhom ghamlilha pressjoni biex tirranga l-affarijiet ma' zewgha. Jidher ghalhekk li kien hemm indhil sostanzjali da parti ta' missier l-attrici, kif ukoll ikkonfermat mill-konvenut li qal illi zzewgu minhabba l-genituri. Min-naha taghha l-Qorti thoss li l-attrici ma kenitx kapaci tirrezisti dawn il-pressjonijiet biex tizzewweg u ghalhekk cediet ghalihom, b'dan li din id-decizjoni li tizzewweg irrenda l-kunsens taghha vizzjat b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju.

Illi ghalhekk gie ppruvat illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizjat b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda l-Qorti rat illi ma giex ippruvat illi l-partijiet kienu jbatu minn xi anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet illi sehh fit-28 t'Awissu 1998 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-atti kollha pubblici relevanti skont il-ligi.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez  rispettivi taghha.